MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 1436/2005

**Avv Antoine Cremona bhala Mandatarju specjali ta' Herman Johan Stevens**
**vs**
**Advanced Telecommunications Limited**

Numru
Talba Numru 1436/2005

It-Tribunal

Ra l-Avviz prezentat fil-5 ta' Lulju 2005 li permezz tieghu l-attur nomine talab hlas tas-somma ta' mija u sebgha u erbghin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm147.80) rapprezentanti spejjez ta' nvestigatur privat u ta' traduzzjoni nkorsi minnu a beneficcju u fuq inkarigu tas-socjeta konvenuta, b'l-ispejjez u b'l-imghaxx legali.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenut li permezz taghha qalet li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda b'l-ispejjez stante li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra x-xhieda ta' Charles Agius u l-affidavit ta' Herman Stevens.

Ra d-dokumenti esebieti.

Sema t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidera.

Minn ezami ta' l-atti jirrizulta li s-socjeta konvenuta kienet talbet l-assistenza tal-Konslu ghal Malta f' l-Olanda, f'kaz ta' allegat frodi. Fil-kors tas-servizzi rezi mill-Konsolat gew rinkorsi xi spejjez ghal traduzzjoni ta' prokura u ta' investigatur privat. Dawn l-ispejjez jammontaw ghal mija u sebgha u erbghin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm147.80) (u cioe l-ekwivalenti ta' 340 Euros) u jirraprezentaw l-ammont li qed jigi reklamat permezz ta' din il-kawza.

Is-socjeta konvenuta hija pjuttost kontrodittorja fil-pozizzjoni taghha ghaliex filwaqt li qed tallega li l-attur nomine eccedda l-mandat tieghu ghaliex qatt ma gie awtorizzat jinkariga investigatur privat, pero min-naha l-ohra tghid li kieku rceviet ir-rapport ta' l-investigatur kienet thallas.

Pero mill-atti jirrizulta li meta s-socjeta konvenuta talbet l-assistenza ta' l-attur nomine kienet qalet lill-Konslu biex jaghmel dak li hemm bzonn. Jirrizulta ukoll li kien hemm ftehiem li spejjez (eskluzi dawk tal-Konsulat) ghandhom ikunu a karigu tas-socjeta konvenuta (ref Dok AC2 a fol 11).

Jirrizulta li s-socjeta konvenut kienet infurmata bil-passi kollha li kienu qed jittiehdu u b' l-informazzjoni li kienet qed tingabar kif ukoll b' l-esietu ta' l-investigazzjoni privata.

Mill-atti jirrizulta sufficjentement li l-passi li ha l-Konslu ma kienux jeccedu l-mandat mghoti lilu u li l-ispejjez mitluba huma gustifikati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' mija u sebgha u erbghin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm147.80) b'l-imghaxx mid-data ta' din is-sentenza u b'l-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------